ĦAŻ-ŻABBAR
*Citta` Hompesch*

# Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## Il-Pjan tal-Ħidma

## 2018 - 2020

## Il-Werrej


Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni 1

L-Istqarrija tal-Missjoni u l-Valuri 2

L-Għanijiet, ir-Riżultati Mistennija u l-Istrateġiji 3

Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill 5

Tbassir dwar il-Finanzi u u r-Rendiment 7

L-Iżvilupp Kapitali 11

*1.0 Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni*

Dan il-Pjan ta' Ħidma qed jerġa' jiġi rivedut fis-sena finanzjarja kurrenti.

Matul is-sena 2018 qiegħed jiġi previst dħul ta' €880,055 li €835,355 minnhom għandhom jidħlu mill-allokazzjoni tal-Gvern.

Il-kumplament tal-fondi mistennija jidħlu minn skemi ta' għajnuniet finanzjarji li l-Kunsill ser ikun qed japplika għalihom, kif ukoll minn Ksur ta' Bye Laws.

L-infiq għas-sena finanzjarja 2018 ser ikun ta' €1,034,394 li minnhom €310,000 ser ikun Infiq Kapitali. L-ammont ta' €543,750 ser jintefaq fuq il-voti taħt Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra u €180,644 ser tkun l-ispiża fuq Salarji.

Fis-sena 2019, l-allokazzjoni mill-Gvern mistennija tibqa' prattikament l-istess u għalhekk qed tiġi prevista allokazzjoni ta' €840,000.

L-infiq għall-istess sena mistenni jkun ta' €856,307. Din l-ispiża ser tkun maqsuma kif ġej : €187,557 fuq Salarji, €562,750 fuq Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra u €106,000 fuq Infiq Kapitali.

Fis-sena 2020, l-allokazzjoni mill-Gvern mistennija tibqa' prattikament l-istess u għalhekk qed tiġi prevista allokazzjoni ta' €850,000. L-infiq għall-istess perjodu qed jiġi stmat li jkun ta' €868,307.

Din l-ispiża ser tkun maqsuma kif ġej : €193,557 fuq Salarji, €568,750 fuq Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra u €106,000 fuq Infiq Kapitali.

IFFIRMATA
Marc Vella Bonnici
Sindku

IFFIRMATA
Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 2.1 L-Istqarrija tal-Missjoni

Bi pjan li jpoġġi r-residenti fiċ-ċentru tal-ħidma tiegħu, il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar jfittex li jindirizza l-ħtiġijiet tar-residenti u tal-lokalita`.

## 2.2 Il-Valuri

Il-ħidma tal-Kunsill Lokali hija bbażata mill-valuri:

1. **Tal-inklusivita`** f'dik li hija ħidma sportiva, kulturali, ambjentali, infrastrutturali u edukattiva.

2. **Tal-Impenn Soċjali**, fejn kull ċittadin jingħata importanza mingħajr distinzjonijiet ta' sess, razza, abilta' jew reliġjon.

3. **Tal-Effiċjenza u Akkontabilita`**, fejn il-ħidma kollettiva tkun waħda li tfittex li ttejjeb u tkabbar is-servizzi offruti mill-Kunsill u filwaqt li jkun hemm governanza tajba jiġi assigurat li jingħata l-valur għall-flus minfuqa.

## *3.0 L-Għanijiet, ir-Riżultati Mistennija u l-Istrateġiji*

### 3.1 L-Għanijiet u r-Rizultati Mistennija matul is-snin 2017-2019

| L-Għanijiet | Ir-Riżultati Mistennija |
|---|---|
| Li ntejbu s-servizz tal-'customer care' b'mod speċjali billi nżiedu l-**effiċjenza** biex l-ilmenti tal-pubbliku jiġu ndirizzati b'mod aktar effettiv. | L-għan hu li ċ-ċittadini jħossuhom parti mill-komunita u li qed jingħataw l-aħjar servizz possibbli mill-Kunsill. |
| Li nkomplu nħeġġu l-**parteċipazzjoni** attiva taċ-ċittadini Żabbarin fil-ħidma tal-Kunsill. | Li l-proġetti proposti jiġu attwati bl-involviment tal-istess ċittadini u kif ukoll tal-għaqdiet lokali |
| Li **ngħollu** u **ntejbu** l-livell soċjali, edukattiv, kulturali u sportiv fil-lokal tagħna. | Li jitwettqu numru ta' proġetti fl-oqsma soċjali, edukattiv, kulturali u sportivi. |
| Attitudni intraprenditorjali fl-immaniġjar tal-fondi pubbliċi bil-għan li tiżdied l-**effiċjenza** u l-**effettivita`**. | Ikomplu jiġu analizzati l-prattiċi imħaddma sa issa fil-Kunsill, u fejn il-Kunsill jara li huma applikabbli, jiġu mplimentati r-rakkomandazzjonijiet għal titjib li jinħarġu minn din l-analiżi. Barra minhekk, isir użu aħjar tal-iskemi li jinħarġu minn Dipartimenti tal-Gvern u minn awtoritajiet oħra kif ukoll minn programmi tal-Unjoni Ewropeja. |
| Li jiżdied l-għarfien u l-interess fil-programmi tal-Unjoni Ewropea. | Li jkun hemm aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea u l-programmi li toffri. Bil-għan li jiżdiedu l-opportunitajiet li toffri. |
| Strateġija ċara, mwettqa b'ħidma effettiva fuq dak li għandu x'jaqsam mal-ġbir ta' skart separat. | Inqas skart solidu li jiġi mitfugħ fil-'landfill' billi inkomplu inħeġġu s-separazzjoni tal-iskart u b'hekk jiġu frankati l-flus li jistgħu jiġu utilizzati għal għanijiet u proġetti oħra. |

**3.2 L-Istrateġiji** L-għanijiet tal-Kunsill jistgħu jintlaħqu biss jekk ix-xogħol isir kif ippjanat u jingħarfu kemm l-opportunitajiet li jeżistu kif ukoll il-limitazzjonijiet li l-Kunsill għandu.

Kif jidher fir-rapport finanzjarju li qed jiġi ppreżentat f'dan il-Pjan, il-finanzi tal-Kunsill huma limitati ħafna. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kunsill ser ikompli ifittex sorsi alternattivi biex iġib finanzjament għal ċerti proġetti. Dan ser isir billi:

1. Isir sforz kollettiv biex jinġiebu fondi minn kull skema li joħroġ il-Gvern Ċentrali u li għaliha jkun eliġibbli l-Kunsill.

2. Issir ħidma bil-għan li l-Kunsill jieħu inizjattivi flimkien ma Awtoritajiet u Dipartimenti oħra.

3. Jkomplu jiġu esplorati modi ta' kif jitnaqqas l-infiq tal-Kunsill mingħajr ma titnaqqas l-kwalità tas-servizz offrut.

Filwaqt li kull xogħol li jsir jirrikjedi l-finanzi biex isir, hemm bżonn ukoll il-parteċipazzjoni ta' dawk kollha li għandhom xi ħaġa x'joffru. Għaldaqstant il-Kunsill jeħtieġ ikompli jikkonsulta aktar mal-pubbliku fuq l-operat tiegħu. Dan jista' ikun possibbli biss jekk ir-residenti Żabbarin jinvolvu ruħhom f' dan il-proċess ta' konsultazzjoni.

Kull ħidma, biex tkun effettiva, trid tkun miftuħa għall-bidla. Għalhekk il-Kunsill għandu jevalwa, iqabbel u jkejjel il-ħidma li tkun qiegħda ssir mal-għanijiet u l-istrateġija li hawn elenkati f'dan il-pjan.

Fl-aħħar irid isir koordinament biex dan il-pjan li qed jiġi propost isir b'mod ħolistiku.

Għaldaqstant l-istrateġija ser tkun ibbażata fuq erba' binarji li huma:

| |
|---|
| Fondi supplimentari |
| Konsultazzjoni pubblika |
| Evalwazzjoni |
| Koordinament |

**4.1 L-Organizzazzjoni** Għas-snin li ġejjin, l-istruttura tal-organizzazzjoni amministrattiva trid tkompli tkun strutturata biex tlaħħaq bl-aħjar mod.




Id-deċiżjonijiet jittieħdu mill-Kunsill wara li dan jikkunsidra r-rapporti, l-ilmenti u s-suġġerimenti tal-pubbliku.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv jimplimenta d-deċiżjonijiet bl-għajnuna tal-Assistenti Amministrattivi u l-Uffiċjal Eżekuttiv kif ukoll jiddelega xogħol ieħor lill-ħaddiema assenjati skont il-*policies* u d-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

## 4.2 Attivitajiet Ġenerali

Matul is-sena 2018 il-Kunsill ser ikun qed iwettaq numru ta' proġetti fosthom xogħol ta' proġett ta' tisbiħ fi Pjazza San Nikola li l-ispiża tagħha mistenni tlaħħaq madwar €300,000. Parti minn dan il-proġett ser ikun iffinanzjat mill-fondi tal-iskema *Urban Improvement Fund tal-Planning Authority*.

Fis-snin 2019 - 2020 l-proġetti ta' natura kapitali mistennija jonqsu u dan peress li matul is-sena 2018 il-Kunsill ser ikun għamel spiża fuq xogħol kapitali.

IFFIRMATA
Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

## *5.0 It-Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment*

### 5.1 Tbassir Finanzjarju għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2018 € | STIMA 2019 € | STIMA 2020 € | STIMA 2018-2020 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dhul** | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 845,355.00 | 850,000.00 | 850,000.00 | 2,545,355.00 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 34,500.00 | 34,500.00 | 34,500.00 | 103,500.00 |
| 0090 | L-Investiment | 200.00 | 200.00 | 200.00 | 600.00 |
| 0100 | Generali | | | | |
| | **TOTAL** | **880,055.00** | **884,700.00** | **884,700.00** | **2,649,455.00** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 180,644.00 | 187,557.00 | 193,557.00 | 553,758.00 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xoghlijiet ohra | 543,750.00 | 562,750.00 | 568,750.00 | 1,667,250.00 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 310,000.00 | 106,000.00 | 106,000.00 | 522,000.00 |
| | **TOTAL** | **1,034,394.00** | **856,307.00** | **868,307.00** | **2,743,008.00** |
| | **BILANC FAVUR / (KONTRA)** | **(154,339.00)** | **28,393.00** | **16,393.00** | **(93,553.00)** |
| | **X'KELLNA QABEL** | 832,159.00 | 677,820.00 | 706,213.00 | 832,159.00 |
| | **X'GHANDNA ISSA** | 677,820.00 | 706,213.00 | 722,606.00 | 738,606.00 |

**Noti:**

Matul is-snin 2018 - 2020 l-infiq tal-Kunsill mhux mistenni jeċċedi d-dħul.

## 5.2 Tbassir tad-Dħul għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2018 € | STIMA 2019 € | STIMA 2020 € | STIMA 2018-2020 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dhul** | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | |
| 0001 | Annwali | 835,355.00 | 840,000.00 | 840,000.00 | 2,515,355.00 |
| 0002 | Supplimentari | | | | |
| 0003 | Bzonnijiet Specjali | | | | |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubblici/Governattivi | | | | |
| 0015 | Hwejjeg ohra | 10,000.00 | 10,000.00 | 10,000.00 | 30,000.00 |
| | | **845,355.00** | **850,000.00** | **850,000.00** | **2,545,355.00** |
| **0020** | **Il-'Bye-laws'** | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 17,500.00 | 17,500.00 | 17,500.00 | 52,500.00 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 17,000.00 | 17,000.00 | 17,000.00 | 51,000.00 |
| 0056 | Ghotjiet Sponsorjali | | | | |
| 0066 | Generali | | | | |
| | | **34,500.00** | **34,500.00** | **34,500.00** | **103,500.00** |
| **0090** | **L-Investiment** | | | | |
| 0091 | Imghax tal-Bank | 200.00 | 200.00 | 200.00 | 600.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | |
| | | **200.00** | **200.00** | **200.00** | **600.00** |
| **0100** | **Generali** | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | | | | |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | | | | |
| | | | | | |
| | | **880,055.00** | **884,700.00** | **884,700.00** | **2,649,455.00** |

## Noti:

Id-dħul totali fis-sena 2018 mistenni jkun ta' €880,055. F'din is-sena qed jiġi stmat li l-Kunsill ser ikun qed idaħħal madwar €10,000 taħt il-vot Ħwejjeġ Oħra, €34, 500 minn *Bye Laws* u €200 minn Investiment.

Id-dħul totali fis-sena 2019 mistenni jkun ta' €884,700 li minnhom qed jiġi stmat li l-Kunsill ser ikun qed idaħħal madwar €10,000 taħt il-vot Ħwejjeġ Oħra, €34, 500 minn *Bye Laws* u €200 minn Investiment.

Fis-sena 2020 id-dħul totali qed jiġi stmat li jkun ta' €884,700 li jinkludi dħul ta' madwar €10,000 taħt il-vot Ħwejjeġ Oħra, €34,500 minn *Bye Laws* u €200 minn Investiment.

## 5.3 Tbassir ta' l-Infiq għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2018 € | STIMA 2019 € | STIMA 2020 € | STIMA 2018-2020 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | L-Infiq | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku / Kunsilliera | 28,087.00 | 29,000.00 | 29,500.00 | 86,587.00 |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 120,000.00 | 125,000.00 | 130,000.00 | 375,000.00 |
| 1300 | Bonus | 3,075.00 | 3,075.00 | 3,075.00 | 9,225.00 |
| 1400 | Dhul Supplimentari | 8,000.00 | 8,000.00 | 8,000.00 | 16,000.00 |
| 1500 | Kontribuzzjonijçt tas-Sigurtà Soðjali | 11,500.00 | 12,500.00 | 13,000.00 | 37,000.00 |
| 1600 | Koncessjonijiet ('Allowances') | 1,982.00 | 1,982.00 | 1,982.00 | 5,946.00 |
| 1700 | Sahra | 8,000.00 | 8,000.00 | 8,000.00 | 24,000.00 |
| | | **180,644.00** | **187,557.00** | **193,557.00** | **553,758.00** |
| **2000** | Manutenzjoni u Xoghlijiet ohra | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bzonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 18,000.00 | 19,000.00 | 20,000.00 | 57,000.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 4,500.00 | 4,500.00 | 4,500.00 | 13,500.00 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 100,000.00 | 100,000.00 | 100,000.00 | 300,000.00 |
| 2400 | Kera | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,000.00 |
| 2500 | Shubija f'Ghaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,000.00 |
| 2600 | Spejjez ta' l-Ufficcju | 6,000.00 | 6,000.00 | 6,000.00 | 18,000.00 |
| 2700 | Trasport | 4,000.00 | 4,000.00 | 4,000.00 | 12,000.00 |
| 2800 | Safar u vvjaggar | 3,500.00 | 3,500.00 | 3,500.00 | 10,500.00 |
| 2900 | Taghrif lill-Publiku | 7,000.00 | 7,000.00 | 7,000.00 | 21,000.00 |
| 3000 | Spejjez ta' Kuntratti | 324,000.00 | 350,000.00 | 355,000.00 | 1,029,000.00 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 11,500.00 | 11,500.00 | 11,500.00 | 34,500.00 |
| 3200 | Tahrig | | | | |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 51,000.00 | 51,000.00 | 51,000.00 | 153,000.00 |
| 3400 | Spejjez ohra li jinqalghu | 250.00 | 250.00 | 250.00 | 750.00 |
| 3600 | Twinning | 8,000.00 | | | |
| 3800 | Spejjez tal-Gwardjani Lokali | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,000.00 |
| | | **543,750.00** | **562,750.00** | **568,750.00** | **1,667,250.00** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | |
| 7100 | Bini | | | | |
| 7200 | Titjib | 5,000.00 | 3,000.00 | 3,000.00 | 11,000.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 5,000.00 | 3,000.00 | 3,000.00 | 11,000.00 |
| 7500 | Progetti Specjali | 300,000.00 | 100,000.00 | 100,000.00 | 500,000.00 |
| | | **310,000.00** | **106,000.00** | **106,000.00** | **522,000.00** |
| | **TOTAL** | **1,034,394.00** | **856,307.00** | **868,307.00** | **2,743,008.00** |

**Noti:**

Il-proġett li mistenni jsir fis-sena 2018 ser ikun proġett ta' tisbiħ ta' Pjazza San Nikola.

Fis-snin 2019 – 2020 il-Kunsill ser ikun qiegħed inaqqas l-infiq ta' natura kapitali peress illi fondi tal-Kunsill ser ikunu naqqsu.

Matul is-snin 2018 - 2020 il-Kunsill ser ikun għadu qed iħallas għal xogħol ta' *resurfacing* li saru f'numru ta' toroq fis-snin ta' qabel taħt l-iskema *Public Private Partnership.* Dan l-ammont dovut mistenni jkun ġie mħallas kollu sas-sena 2021.

*6.0 L-Iżvilupp Kapitali*

## 6.1 It-Tbassir dwar l-Iżvilupp Kapitali għal Tliet Snin

| Nru. tal-Progett | Infieq Kapitali<br>Deskrizzjoni tal-Progett | 2018<br>KONT<br>€ | 2018<br>PROGETT<br>€ | 2019<br>KONT<br>€ | 2019<br>PROGETT<br>€ | 2020<br>KONT<br>€ | 2020<br>PROGETT<br>€ | 2018-2020<br>TOTAL TAL-KONT<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **7001** | **Xiri ta' Propjeta** | | | | | | | |
| **7100** | **Bini u Kostruzzjoni** | | | | | | | |
| **7200** | **Titjib** | 5,000.00 | | 3,000.00 | | 3,000.00 | | 11,000.00 |
| | Titjib Urban / Bozoz Ġodda | | 5,000.00 | | 3,000.00 | | 3,000.00 | |
| **7300** | **Makkinarju u Apparat** | 5,000.00 | | 3,000.00 | | 3,000.00 | | 11,000.00 |
| | Makkinarju | | 5,000.00 | | 3,000.00 | | 3,000.00 | |
| **7500** | **Progetti Specjali** | 300,000.00 | | 100,000 | | 100,000 | | 500,000.00 |
| | Proġett ta' Tisbiħ fi Pjazza San Nikola | | 300,000.00 | | | | | |
| | *Resurfacing* ta' toroq | | | | 100,000 | | 100,000 | |
| **TOTAL Progetti Ġodda** | | 310,000.00 | | 106,000.00 | | 106,000.00 | | 522,000.00 |